MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

## Illum 25 ta' Settembru 2017

## Il-Pulizija
## (Spettur Sergio Pisani)

## vs

## Antonio Camilleri
## (ID: 238471M)

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Antonio Camilleri** talli nhar l-24 ta' Settembru, 2017, gewwa 17, il-Barbagann, Triq Birbal, Balzan, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kienu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tieghu, jew igorr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar jew elenkati fl-Iskeda II, u dan bi ksur tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi giet f'idu xi arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz, u dan bi ksur tal-Artikolu 41 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat ukoll talli bhala persuna li ghandu fil-pussess tieghu xi arma regolari jew munizzjon inqas milli jzomm dawk l-oggetti fil-kustodja tieghu b'tali mod li dawn ma jigux f'idejn haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 47 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija u l-ammissjoni tieghu fl-iktar stadju bikri tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 5(1), 41 u 47 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Antonio Camilleri** hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah **ghall-hlas ta' multa ta' elf u hames mitt ewro (€1500)** pagabbli f'rati mensili ta' mitt ewro (€100) bl-ewwel pagament ikun mhux iktar tard mill-30 ta' Ottubru 2017.

Finalment il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti stante li ma jirrizultax li kien hemm xi hatra simili.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur